



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża C-121/11

Pro-Braine ASBL et

vs

Commune de Braine-le-Château, fil-preżenza ta': Veolia es treatment SA

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État)

“Direttiva 1999/31/KE — Rimi ta’ skart f’landfill — Direttiva 85/337/KEE — Evalwazzjoni tal-effetti ta’ ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent — Deċiżjoni dwar it-tkomplija tal-operat ta’ landfill awtorizzata, fl-assenza ta’ evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent — Kunċett ta’ ‘kunsens għal żvilupp’”

Sommarju tas-sentenza

Ambjent — Evalwazzjoni tal-effetti ta’ ċerti proġetti fuq l-ambjent — Direttiva 85/337 — Obbligu tal-awtoritajiet kompetenti li jwettqu l-evalwazzjoni qabel jingħata l-kunsens għal żvilupp — Kunċett ta’ kunsens għal żvilupp — Kunċett ta’ proġett

(Direttivi tal-Kunsill 85/337, kif emendata bid-Direttiva 2003/35, Artikolu 1(2) u l-ewwel inċiż tal-punt 13 tal-Anness II, u 1999/31, Artikolu 14(b))

Deċiżjoni definittiva dwar it-tkomplija tal-operat ta’ landfill eżistenti, meħuda skont l-Artikolu 14(b) tad-Direttiva 1999/31, dwar ir-rimi ta’ skart f’terraferma [landfill], fuq il-bażi ta’ pjan ta’ żvilupp, tikkostitwixxi “kunsens għal żvilupp” fis-sens tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 85/337, dwar l-istima tal-effetti ta’ ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, kif emendata bid-Direttiva 2003/35, biss meta din id-deċiżjoni tawtorizza bidla jew estensjoni tal-installazzjoni jew tas-sit, permezz ta’ xogħlijiet jew interventi li jibdlu l-aspett fiżiku tagħhom, li jista’ jkollhom effetti avversi sinjifikattivi fuq l-ambjent, fis-sens tal-punt 13 tal-Anness II tad-Direttiva 85/337, u li għalhekk jikkostitwixxu “proġett” fis-sens tal-Artikolu 1(2) ta’ din id-direttiva.

Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk dan huwiex il-każ. Fl-evalwazzjoni tal-eżistenza ta’ effetti avversi sinjifikattivi fuq l-ambjent, fil-kuntest ta’ din il-verifika, għandu jiġi kkunsidrat il-fatt li l-pjan ta’ żvilupp approvat minn tali deċiżjoni definittiva għandu bħala għan, kif jirriżulta mill-premessa 26 tad-Direttiva 1999/31, l-adozzjoni tal-miżuri neċessarji sabiex il-landfill eżistenti tkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta’ din id-direttiva u li din id-deċiżjoni tkun għalhekk tiffirma parti minn politika għall-protezzjoni tal-ambjent.

(ara l-punti 35 sa 37 u d-dispożittiv)